Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAS-SEBA' U TLETIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Ħamis, 16 ta' Settembru 2010

Ħin: Mis-7.17pm sat-8.30pm

**Prezenti:** It-Tabib John Zammit Montebello (wasal fis-7.30pm)
Is-Sur Joseph Mary Galea
L-Avukat Trevor De Giorgio
Is-Sur J. Cassar
Is-Sur Guido Borg

Il-Viċi-Sindku ħa s-siġġu peres li s-Sindku kien għadu ma wasalx u l-laqgħa bdiet.

**1. <u>Korrezzjoni tal-Minuti tas-Sitta u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tas-Sitta u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 18 ta' Awwissu 2010 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Kunsillier G. Borg li kien issekondat mill-Kunsillier Dr. T. De Giorgio ppropona li ssir emenda fil-minuti fuq paġna 2 wara artiklu numru 3 li jaqra "Il-Kunsillier G. Borg kien skuzat f'dan il-ħin." Il-korrezzjoni ġiet approvata unanimament. Il-Viċi-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw ħdejn il-korrezzjoni biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sitta u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>**

Il-Minuti tas-Sitta u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 18 ta' Awwissu 2010, kif emendati, kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Viċi-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**3. <u>Mill-Minuti.</u>**

1. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill Kunsill illi d-ditta G4 Security ser tibda tiġbor il-flus mill-uffiċċju tal-Kunsill minn nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Settembru 2010.

## 4. Korrispondenza.

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill xi korrispondenza li waslet bejn id-19 ta' Awwissu 2010 u s-16 ta' Settembru 2010 u rapport tal-korrispondenza li ġiet ipprezentata li ġġib id-data tas-16 ta' Settembru 2010 (mehmuza).

**Ittra Numru 848/10:** L-ittra ta' resident dwar l-għalqa tal-Joint Office f'Wesgħa l-Profs. Guze' Aquilina ġiet innutata. Il-Kunsill talab li tintbagħat ittra lis-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi fejn nibgħatu dokumentazzjoni li turi li l-art hija tal-Joint Office u nispjeġaw li l-Kunsill talab li l-art tiġi devoluta lill-Kunsill imma li s'issa ma hemmx deċizjoni u nispjegaw l-ilmenti tar-residenti li jidhru fl-ittra. Il-Kunsill unanimament qabel li jitlob lill-Joint Office li titnaddaf l-art u tingħata wiċċ biex ikun jista jsir *parking* fiha sakemm titieħed deċiżjoni dwar id-devoluzzjoni. Il-Kunsill jitlob laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi. Kopja ta' l-ittra għandha tintbagħat lir-resident li kiteb.

**Is-Sindku wasal f'dan il-ħin u ħa s-siġġu.**

Dr. DeGiorgio ta' rendikont ta' dak li ntqal għal-benefiċċju tas-Sindku wara li ħa s-siġġu. Is-Sindku qabel mad-deċiżjoni li ttieħdet.

**Ittra Numru 840/10:** L-ittra mill-Inspire fejn talbu donazzjoni għat-trasport ta' studenti ġiet innutata. Il-Kunsill innota li ma jistax jagħti donazzjonijiet. Dr. T. DeGiorgio li kien issekondat mis-Sindku ppropona li tingħata s-CCTV camera li kien ta' resident lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

**Ittra Numru 817/10:** L-ittra minn Transport Malta dwar il-bżonn ta' pjanti u aktar dettalji dwar il-proposta li ssir *zebracrossing* fi Triq il-Kbira ġiet innutata. Is-Segretarju Ezekuttiv għandha titlob kwotazzjoni mingħand il-perit sabiex isiru l-pjanti mitluba.

**Ittra Numru 816/10:** L-ittra ta' stedina għal-laqgħa mis-Segretarju Parlamentari għan-Negozji Żgħar u Artijiet ġiet innutata. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi s-Sur Stephen Gatt kellu jattendi jirrapprezenta lill-Kunsill. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Sur Gatt attenda u kien ser jagħti aktar dettalji 'l quddiem.

**Ittra Numru 815/10:** Id-dokument "Public Playground – Requirements for Public Playground Safety and Their Management" ġie nnutat. Il-Kunsill innota li d-dokument huwa tajjeb imma mhux biżżejjed jekk ma jingħatawx ir-riżorsi umani u finanzjarji biex l-affarijiet isiru sew.

**Ittra Numru 814/10:** Memo 122/2010 dwar Ikliet/Riċevimenti organizzati mill-Kunsilli Lokali ġiet innutata.

**Ittra Numru 813/10:** L-ittra minn-Transport Malta dwar it-tqiegħid ta' *u-bars* għal-Triq il-Kbira li ġew irrifjutati ġiet innutata.

**Ittra Numru 811/10:** L-ittra mill-Uffiċċju tal-President dwar Fun Run/walk ġiet innutata. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio ser jattendi.

**Ittra Numru 810/10:** L-ittra ta' resident dwar diversi punti ġiet innutata. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv tirrispondi kif ġej: Dwar il-proposta li jitqiegħdu tabelli tal-klieb il-Kunsill diġa qiegħed tabelli biex Fido ma jħammeġx barra u l-*bins* li tqiegħdu jidhru li huma għal-klieb, dwar il-bżonn ta' bankina quddiem il-bini l-ġdid fi Triq Sigismondo Dimech diġa kelna laqgħa ma Transport Malta biex issir bankina peres li din taqa' taħt ir-responsabilita' tagħhom u ser nibqaw nagħlu *follow-up* fuqha sakemm issir, dwar tabelli ta' direzzjoni biex jindikaw minn fejn

trid toħroġ il-Kunsill innota li jekk ma tkunx taf l-arja kull triq fiha l-istess problema u ma jistax jkun li inwaħħlu tabelli ta' direzzjoni kulimkien għax nispiċċaw kulimkien b'dan it-tabelli, dwar il-bankini fi Triq l-Għerusija dawn qedin fil-lista ta' prioritajiet tal-Kunsill imma jiddependi mill-finanzi.

**Ittra Numru 793/10:** L-ittra dwar it-trasport ta' l-iskola ta' l-Imrieħel ġiet innutata. Il-Viċi-Sindku ta' rendikont ta' kif marret il-laqgħa li saret dwar is-suġġett, nhar it-Tnejn li għadda fejn wara siegħa u nofs ta' diskussjoni rrizulta li l-proposta oriġinali li l-*coaches* jgħaddu minn taħt l-akkwedott ma tistax tiġi mplimentata għax ċertu *coaches* huma kbar wisq biex jgħaddu minn taħt l-akkwedott. Għaldaqstant il-proposta li ser tiġi ppruvata hija li l-*coaches* jiġu minn naħa ta' Birkirkara, jniżżlu lill-istudenti ħdejn il-bieb ta' l-iskola u joħorġu minn Triq l-Imdina fi triqthom 'l barra. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal-din il-proposta.

**Ittra Numru 809/10:** Memo 121/2010 dwar Skema dwar Inizjattivi Sportivi għas-sena 2011 ġiet innutata. Dr. T. DeGiorgio ppropona li l-Kunsill flimkien ma għaqda sportiva tal-*basketball* fil-lokalita' jorganizzaw flimkien sezzjoni ta' *basketball*. Il-Kunsill qabel unanimanent u talab lill-Dr. DeGiorgio jitkellem ma l-għaqda sabiex inkunu nistgħu nissottomettu l-applikazzjoni sal-15 ta' Ottubru 2010. Il-Kunsill għandu japplika għal-kors ta' *aerobics* ukoll.

**Ittra Numru 808/10:** L-ittra mill-Greenpak dwar klawsoli fil-kuntratt tal-ġbir ta' skart domestiku fir-rigward tal-kollezzjoni ta' nhar ta' Tlieta. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kopja tal-minuti tal-laqgħa li saret fl-14 ta' Settembru 2010 ma rapprezentant tal-Greenpak tqiegħdu fuq il-mejda tal-Kunsill (mehmuza).

**Ittra Numru 799/10 u 759/10:** Riklam dwar il-Qormi Bread Festival ġie nnutat. Il-Viċi-Sindku nnota li l-*banner* ma tqiegħditx fil-pjazza kif miftiehem. Dr. T. GeGiorgio nnota li tqiegħdet *banner* fi Triq l-Imdina fil-lokalita' ta' Ħ'Attard. Dr DeGiorgio fakkar li bil-ftehiem li kien sari l-Kunsill Lokali Ħal Balzan jista jqiegħed *banner* ta' Jum Il-Ġonna f'Ħal Qormi.

**Ittra Numru 796/10**: L-ittra tal-Wasteserve dwar il-*bring-in-sites* ġiet innutata. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-Greenpak ser tieħu ħsieb tqiegħed it-tabelli.

**Ittra Numru 785/10:** Ir-risposta dwar l-offerta tal-ġbir ta' skart li ntbagħtet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ġiet innutata. Il-Kunsill ser jerġa joħroġ sejħa għall-offerti għal-ġbir ta' skart.

**Ittra Numru 784/10:** Memo 119/10 dwar Green Challenge and Community Involvement Award ġiet innutata.

**Ittra Numru 753/10**: Memo 118/2010 dwar Inizjattiva Ambjentali biex tiċċelebra Għeluq l-20 sena ħidma tal-Kumpanija Vodafone. Il-Kunsill unanimament qabel li jissottometti applikazzjoni fir-rigward ta' Ġnien Joseph A. Stellini.

**Ittra Numru 751/10:** L-ittra mill-Enemalta dwar approvazzjoni ta' bożża ġdida fi Vjal il-Bon Pastur u rifjut ta' bożża ġdida fi Triq il-Kannizzata ġiet innutata.

**Ittra Numru 750/10:** L-ittra ta' Anton Sammut fejn informa lill-Kunsill illi ta' donazzjoni ta' żewġ kotba ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament qabel li jagħti l-kotba lill-librerija pubblika ta' Ħal Lija.

**Ittra Numru 740/10:** L-*Enforcement Notice* tal-MEPA ġie nnutat.

Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio fakkar li l-Kunsill kien talbu jara jekk il-Kunsill jistax jidħol parteċipi fil-kawza tar-residenti dwar il-kaz ta' Triq San Frangisk / San Gabriel li r-residenti fetħu konta l-MEPA. Dr. DeGiorgio qal li l-Kunsill jista jagħmel dan. Is-Sindku staqsa xi spejjes hemm involuti. Dr DeGiorgio għandu jitkellem ma l-avukatessa dwar dan u jagħti feedback fil-laqgħa li jmiss.

**Ittra Numru 737/10:** Memo 116/2010 dwar Protokol Lokali u Regjonali ġie nnutat. Is-Segretarju Ezekutiv infurmat lill-Kunsill illi kull kunsillier għandu kopja tal-protokol li jrid jiġbor mill-uffiċċju.

**5. <u>Diskussjoni dwar l-offerti li ntefgħu dwar Gbir ta' Skart.</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill, l-iskeda ta' l-offerti u l-*file* bl-offerta li ntefgħet fir-rigward tal-Ġbir ta' Skart (mehmuza).

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi r-risposta tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal-mistoqsija dwar in-nuqqas ta' lista ta' impjeġati rreġistrati ma l-ETC, hija li l-offerta trid terġa tinħareġ. Il-Kunsill qabel unanimament li għandha toħroġ sejħa mill-ġdid.

**6. <u>Diskussjoni dwar l-offerti li ntefgħu dwar Knis tat-Toroq.</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill, l-iskeda ta' l-offerti u l-*file* bl-offerti li ntefgħu għal-Knis tat-Toroq (mehmuz). Kopja ta' l-iskeda ta' l-offerti li ntefgħu ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku nnota li kif jara l-affarijiet hu, l-Kunsill għandu żewġ għazliet jew li jibqa jiknes it-toroq bl-ixkupa kif dejjem sar fil-passat jew jipprova metodu ġdid b'maġna moderna li rajna kif taħdem meta kull kunsillier kien preżenti fil-11 ta' Settembru 2010. Huwa nnota li jekk il-Kunsill jmur għal-knis bl-ixkupa allura jmur fuq l-aktar *option* irħisa dik ta' Saviour Mifsud, liema kuntrattur qed jagħti servizz bħalissa u li dwaru kien hemm ilmenti u li l-Kunsill stess innota li kellu ħaddiema li ma homiex irreġistrati ma l-ETC. Is-Sindku nnota li jekk il-Kunsill jagħżel il-proposta ta' Innovative Projects Ltd, għandu jikkunsidra *probation period* ta' sitt xhur biex naraw jekk hemmx titjieb sostanzjali fis-servizz tal-knis. Il-Viċi-Sindku nnota waqt id-diskussjoni li l-magna ma tistax tiknes fuq bankini dojoq, ser tkun ta' ostakolu għat-traffiku f'toroq dojoq, il-kuntrattur ma għandux esperjenza fuq dan ix-xogħol u l-fatt li hija l-aktar offerta għolja.

Is-Sindku li kien issekondat mill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio ppropona li jittieħed vot fuq iż-żewġ *option* u cioe knis manwali u knis bil-magna l-ġdida tad-ditta Innovative Projects Ltd. Il-Kunsill qabel unanimament li jieħu dawn iż-żewġ voti.

Ittieħed vot fuq jekk għandux jsir knis manwali u l-voti kien hekk: il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea favur, is-Sindku u l-Kunsillieri Dr. T. DeGiorgio u s-Sur G. Borg kontra u l-Kunsillier J. Cassar astjena. Għaldaqstant il-mozzjoni biex tintgħazel l-irħas offerta ma għadditx. L-ismijiet tnizzlu peres li kien hemm talba li jsir dan mill-Kunsill b'mod unanimu.

Ittieħed vot fuq jekk għandux jsir knis bil-magna tad-ditta Innovative Projects Ltd u l-voti kien hekk: is-Sindku, u l-Kunsillieri Dr. T. DeGiorgio u s-Sur G. Borg favur, il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea kontra u l-Kunsillier J. Cassar astjena. Għaldaqstant il-mozzjoni biex tintgħazel l-offerta tad-ditta Innovative Projects Ltd għaddiet. L-ismijiet tnizzlu peres li kien hemm talba li jsir dan mill-Kunsill b'mod unanimu.

Il-Kunsill unanimament qabel li fl-ittra ta' aċċettazzjoni l-Kunsill irid jiċċara li l-kuntratt ser jingħata bi *probation period* ta' sitt xhur mill-1 ta' Ottubru 2010 u jrid jara titjieb sostanzjali fid-

dehera ta’ l-indafa tar-raħal fir-rigward tal-knis tat-toroq u l-kuntrattur jrid jiġbor annimali mejta bħal-ġrieden u qtates fi zmien siegħa minn meta jiġu rraportati. Jekk il-kuntrattur ma jaqbilx ma dan il-Kunsill jerġa joħroġ sejħa għall-offerti.

## 7. L-applikazzjoni għal-fondi għal-Attivitajiet 2011.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet *draft* ta’ l-applikazzjoni għall-Attivitajiet 2011 (mehmuza) għall-approvazzjoni.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-applikazzjoni *draft* għal-iskema ta’ Attivitajiet 2011. F’dan il-ħin wasal is-Sur Mario Camilleri li pprepara l-applikazzjoni wara li l-Kunsillier G. Borg talbu jagħmel dan.

Il-Kunsillier G. Borg għamel introduzzjoni fejn ta’ rendikont tad-diskussjoni li Saret fil-Forum Balzan u waqt il-laqgħa li Saret mar-rapprezentanta ta’ Frott Artna li ser tarma l-istands waqt Jum mil-Ġonna 2011. Kopja ta’ l-applikazzjoni ntbagħtet lill kull kunsillier qabel il-laqgħa. Il-Kunsillier Borg informa lill-Kunsill illi l-organizattrici ta’ Frott Artna ma kientx qed titlob ħlas biex tipparteċipa imma fl-istess ħin il-qlieħ mill-bejħ ser ikun kollu tagħha.

Il-Kunsillier G. Borg qal li meta talab lis-Sur Camilleri jimla l-formola huwa ma kellu l-ebda ħsieb li jagħmlu ko-ordinatur u kien sorpriz kif qabad u nizzel ismu fuq il-formola. Is-Sur Camilleri spjega li huwa għandu ħafna esperjenza fuq dan ix-xogħol peres li qed jieħu ħsieb applikazzjonijiet ta’ kunsilli oħra u għamel dan biex ikun ta’ għajnuna għal-Kunsill. Huwa nnota li veru nizzel spiza għas-servizz ta’ kordinament fil-*budget* li jinsab ma l-applikazzjoni imma dan ma jfissirx li bilfors li jrid jieħu x-xogħol hu, anzi qal li huma mela l-applikazzjoni tal-Kunsill senza interessi. Huwa qal li dwar jekk jagħmilx kordinament il-Kunsill għandu jiddeċiedi wara li jingħataw il-fondi u wieħed jiftiehem x’tip ta’ servizz irid u xi ħlas għandu jsir. Wara li saret diskussjoni f’dan is-sens huwa ġie skuzat u l-laqgħa tkompliet.

Il-Kunsill unanimament qabel li jissottometti l-applikazzjoni kif ipprezentata mis-Sur Camilleri Fejn huwa ġie indikat bħala kordinatur ta’ l-attivita’ Jum il-Ġonna 2011 b’emenda żgħira biex issir quddiesa u jiżdied il-*budget* għaliha.

## 8. Rapport dwar l-ilmenti.

**Ilment Numru 1701004712978:** Talba biex titneħħa l-bankina ta’ Sqaq Numru 2 fi Triq il-Kbira peres li vetturi li jipparkjaw hemm qed jostakolaw vetturi oħra milli jgħaddu. Il-Kunsill unanimament qabel li jitlob permess biex jizbogħ *parking bays* fuq parti mill-bankina.

**Ilment Numru 17010023130293:** Talba biex isiru *parking bays* fi Triq Balaguer. Il-Kunsill innota li t-triq hija dejqa wisq biex tieħu *parking* fuq iż-żewġ naħat u traffiku fiż-żewġ direżżjonijiet, għaldaqtant ma jistawx jinżebgħu *parking bays*.

Il-Viċi-Sindku nnota li fi Triq il-Providenza hemm sprall ta’ l-ilma tax-xita li ma jistax jieħu ilma peres li t-triq taqleb bil-kontra. Is-sid talab lill-Kunsill isib rimedju biex ikun jista jieħu l-ilma. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li dak huwa sprall privat u r-rimedju jrid isibu s-sid. Il-Kunsill innota li bħal ma sar fil-kaz ta’ l-ispralli li jinsabu fi Triq il-Kbira, il-Kunsill għandu jirranġa l-ispralli biex ninkuraġixxu li ma jinħeliex l-ilma tax-xita, għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament li għandu jiġi rranġat l-isprall billi jittawwal san-naha l-oħra tat-triq.

## 9. Approvazzjoni biex isir il-ħlas ta’ *Petty Cash*.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tas-16 ta' Settembru 2010 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €9,842.92.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

**10. Affarijiet Oħra:**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport Annwali u Finanzjarju tal-Kumitat Kongunt ta' l-Infurzar – Group C sal-31 ta' Diċembru 2009 (mehmuz).

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 6 ta' Ottubru 2010 fil-5.30pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Ms. M. Zammit**
Segretarju Ezekuttiv

Data